# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 45**

**Avviz numru 631/98/SM**

**P.P.A.C. Limited**

**vs**

**International Services & Trading Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 t'April ta' l-1998 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socejta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' LM901.53,0 danni subiti mill-attur nomine u dan fil-proprjeta' Flat 6,Windsor Flats, Windsor Terrace, Sliema, li kien mikri lis-socjeta' attrici u liema lokazzjoni giet terminata fit-30 ta' Settembru, 1997 u dan konsistenti fi hsarat fil-mobilja kif ukoll f'nuqqas ta' oggetti mill-istess appartament li kienu gew**

**mahruqin u/jew nieqsa kif ukoll spejjez ta' tibjida tal-fond u dan kif jirrizulta mill-inventarju hawn anness u mmarkat dokument "A";**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-2 t'April, 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat t-8 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-appartament u l-mobbilja mikrija gew ikkonsenjati lura fi stat ahjar milli kienu fil-bidu tal-kirja;**

2. **Illi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, il-flat inkera lill-eccipjenti "back to back" hekk kif hareg inkwilin iehor u fil-flat ma sar ebda inventarju fil-bidu tal-kirja u l-anqas wara l-kirja;**

3. **Illil l-eccipjenti dam gimghatejn shah inaddaf il-flat mill-hmieg li kien hemm fil-bidu tal-kirja u semmai kwalunkwe hsarat zghar jikkostitwixxu "fair wear and tear";**

4. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici kienet kriet il-fond Flat 6, Windsor Court, Windsor Street, Sliema, lis-socjeta' konvenuta permezz ta' skrittura privata datata l-20 ta' Settembru ta' l-1995 skond il-kondizzjonijiet hemm pattwiti;**

2. **Illi fost tali kondizzjonijiet hemm dik numru 5 li fost l-ohrajn tistabbilixxi illi:**

**"…the premises is to be delivered back to the lessar in the same condition as it was when occupation was effected taking into consideration fair wear and tear…An inventory of the fixtures, fittings and furniture is attached to this agreement marked as appendix "A", and forms part of this agreement";**

**Illi meta l-inkwilin ivvaka l-fond fuq indikat is-sid li mar jispezzjona l-istess fond sab li dan l-inkwilin kien halla hsarat ingenti, kif jidhru elenkati fid-dokument immarkat Dok. "A" anness ma l-avviz li ta' lok ghal din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi preliminarjament din il-qorti trid tizgombra immedjatament il-kwistjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha li ma sar l-ebda inventarju, la fil-bidu u lanqas waqt il-kirja;**

**Illi dan hu kondradett mill-paragrafu 5 ta' l-iskrittura ta' bejn il-partijiet datata l-20 ta' Settembru ta' l-1995 u estensivament iccitata aktar qabel;**

**Illi jirrizulta li din l-iskrittura hi iffirmata regolarment u ghalhekk din l-eccezzjoni ma treggix;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fil-mertu din il-qorti hi abbundantement sodisfatta mill-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici stante li pprovati;**

**Ghaldaqstant tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**